MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1970/2004

**Lawrence Micallef**

**vs**

**Roderick Zahra u Vanessa Demicoli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Novembru, 2004, fejn intalab li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00), liema ammont qed jigi ridott ghal fini ta' lompetenza, rapprezentanti self moghti lilhom ;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-hlas eventwali, lkoll kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-2 ta' Frar, 2005, fejn intqal :**

**i. illi preliminarjament l-attur irid jindika l-perijodu meta sar l-allegat self ;**
**ii. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut Roderick Zahra qatt ma rcieva l-ebda flus minghand l-attur u dan taht l-ebda titolu.**
**iii. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuta Vanessa Demicoli, jekk irceviet ammont ta' flus minghand l-attur dan kien taht titolu ta' donazzjoni u fi kwalunkwe kaz l-ammont ma kienx jeccedi l-mitt lira Maltin.**
**iv. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra n-nota spjegattiva tal-attur a fol-50 tal-process.**

**Ra l-affidavits ta' Lawrence Micallef u Dr. Ruth Scott. Semgha x-xhieda ta' Audrey Ghigo, Elena Cumbo. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. L-attur qed jitlob il-hlas ghal-ammont allagament misluf lill-konvenuti.**
**2. Fl-affidavit tieghu a fol 24 tal-process jispjega li kien habieb tal-konvenuta u li kien spjegatlu l-problemi finanzjarji li kellha ghaliex zewgha ma kienx qed jghaddilha flus. L-istess attur jghid illi ghalhekk hu ghamel minn kollox biex jghina, huwa elenka l-ispejjez li ghamel ghaliha. Fost affarijiet ohra jispjega li kien fetah kont mal-HSBC Bank (Malta) Plc., f'isem Roderick Zahra li jigi hu Vanessa Demicoli u dan ghal xiri ta' vettura. L-ieja skond l-attur kienet illi l-karozza ma tidherx illi xtrajilha hu, izda tidher li nxtrat minn Roderick Zahra.**
**3. L-attur esebixxa cekkijiet li kien ta' bhala garanzija lill-bank, pero' dawn kienu gew ritornati mill-bank, peress illi l-bank ried illi hu jidepozita tnejn u hamsin lira maltija u dsatax il-centezmu (Lm52.19c), fuq Roderick Zahra. L-attur jghid illi hallas l-ammont kollu u qed iffittex lill-konvenuti ghal hlas tal-vettura Renault Clio.**

**4. Dr Ruth Scott fl-affidavit taghha spjegat illi kienet interpellathom biex ihallsu, u hija tghid illi cemplilha certu Duminku Zahra, allegatament missier il-konvenuti li staqsija dwar jekk l-attur semmiliex li kellu relazzjoni mal-konvenuta u ghalhekk ghadilha l-flus. L-istess Dr Ruth Scott xhedet illi hi kienet taf b'din ir-relazzjoni, pero' xorta tghid li l-flus kien silifomlha.**

**5. It-Tribunal qed jghamel referenza ghal Dok LM1, cioe' fthiem datat fl-1 ta' April, 2003, bejn Nazzareno Micallef u Roderick Zahra, li bih l-imsemmi Nazzareno Micallef biegh lil Zahra l-vettura Renault Clio. Dan gie kkonfermat minn Elena Cumbo, rapprezzentanta ta' Auto Bahn Limited. L-ircevuta kienet harget fuq Domnic u Mary Zahra u spjegat ukoll illi l-kont mal-bank kien infetah fuq Roderick Zahra.**

**6. Audrey Ghigo tikkonferma li l-factoring loan kien intestat fuq Roderick Zahra rigwardanti Renault Clio, numru tar-registrazzjoni BBG-089, minghand Auto Bahn Limited. Din il-loan kienet fl-ammont ta' elf u disa' mitt lira maltija (Lm1,900.00).**

**7. Mil provi jirrizulta sufficentament pruvat illi l-karozza kienet inxtrat ghall-konvenuta u t-Tribunal qed jaccetta illi sar self mill-attur lill-konvneuta fis-somma ta' elf u hames mitt lira maltija (Lm1,500.00) ghal akkwist ta' tali karozzi. Il-konvenut Roderick Zahra ma jistax jezimi ruhu mir-responsabbilta peress illi hu ippresta ruhu sabiex in-negozzju jidher fuqu, u ghalhekk ghandu jirrispondi in solidum mal-konvenuta ghal ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lill-attur is-somma ta' elf u hames mit lira Maltija (Lm1,500.00) bl-imghax legali mil-21 ta' Ottubru, 2004, sad-data tal-hlas eventwali. L-ispejjes ta' din l-is-stanta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------